## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. WILLEM MICALLEF (KI. 400299M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**10/10/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lill- Willem Micallef** **Bin Charles u Lilian nee Abela. Imwieled; Pieta.20/11/1999**
**ID.400299M** **Toqghod; `Old Trafford` Triq L-Arkati, B`kara Or 27, Salette, Flat 1, Triq il-Gummar, Birkirkara**

**BILLI inti akkuzat talli** fl-10/03/2023 ghall habta ta`19.49hrs fi Triq Mikel Anton Vassalli, Msida,

1. Waqt li kont qed issuq vettura Nru.ACX-858 kont qieghed izzomm u jew tuza b`idejk telefon cellulari jew xi apparat simili iehor li jinzamm fl-idejn, waqt il vettura kienet miexja..**(Sec.115(2) LS.65.11)**

2. Waqt is-sewqan, inqast li jkollok kontroll shih tal-imsemmija vettura.**(Sec.68 LS.65.11)**

3. Soqt vettura Nru.ACX-858 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta biex tintuza fit-triq **sec.15(1)(a)(3) Chap.65**

4. Soqt vettura Nru.ACX-858 minghajr ma kienet koperta b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni. **sec.3(1) Chap.104**

5. Soqt vettura Nru.ACX-858 minghajr ma kellek imwahhla d-diska tal-licenzja fuq in-nahah tax-xellug tal-windscreen b`mod li tkun tidher minn quddiem.**(Sec.17(2)(a) LS.368.02)**

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta`zmien ta`mhux inqas minn tnax il xahar.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 64 T. Sultana (affidavit), Stephen Cachia (għal Transport Malta bil-mezz tal-affidavit), tal-imputat innifsu u ta' Sario Fenech prodott mill-imputat.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Jirriżulta mill-affidavit ta' **PC 64 T. Sultana** illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat twaqqaf minn dan l-uffiċjal filwaqt li kien qed isuq il-vettura tal-għamla Volkswagen Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni ACX858 u dan peress illi ntlemaħ jagħmel użu mill-*mobile*. L-uffiċjal seta' jara ukoll illi l-liċenzja t-tonda ma kienetx imwaħħla mal-*windscreen*. L-imputat stess infurmah illi l-vettura ma kellix liċenzja u li ma kellux l-assigurazzjoni.

2. Mill-affidavit ta' **Stephen Cachia** jirriżulta ukoll illi fid-data in kwistjoni din il-vettura kienet reġistrata fuq l-imputat u li l-liċenzja tagħha kienet skadiet fit-28 ta' Frar 2023.

3. Fix-xhieda tiegħu l-imputat tenna illi ma kellux għalfejn iġedded il-liċenzja tal-vettura ġaladarba huwa kien *dealer* awtorizzat. F'dan is-sens hu esebixxa l-permess tiegħu sabiex jopera bħala *dealer* maħruġ minn Transport Malta. Huwa tenna ukoll illi l-vettura kienet assigurata u f'dan ir-rigward esebixxa ċertifikat tal-assigurazzjoni.

**Kunsiderazzjoni**

4. L-ewwel imputazzjoni u ċioe is-sewqan fil-waqt li kien qiegħed juża telefon ċellulari f'idejh u t-tieni imputazzjoni illi minħabba f'hekk ma kellux kontroll sħiħ tal-vettura, jirriżultaw ppruvati.

5. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-Art. 21(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 *"Ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur"* jipprovdi kif ġej:

> **21 (4) (a) Meta l-liċenzja ta' vettura bil-mutur li tkun ser tinbiegħ mill-ġdid tiskadi waqt li l-vettura tkun għadha fil-pussess tan-negozjant awtorizzat, il-liċenzja tista' ma tiġix imġedda sakemm il-vettura tibqa' fil-pussess tal-imsemmi negozjant: Iżda, dik il-vettura m'għandhiex tintuża fit-triq sakemm il-liċenzja tagħha ma tiġix imġedda.**
>
> **(b) Il-liċenzja ta' ċirkolazzjoni ta' vettura bil-mutur li tkun ser tinbiegħ mill-ġdid għandha tiġġedded meta jsir it-trasferiment ta' dik il-vettura mingħand in-negozjant awtorizzat lix-xerrej u għandu jitħallas id-dritt tal-liċenzja li jkun japplika għal dik il-vettura mid-data li fiha jsir it-trasferiment.**

6. Kif ingħad iktar 'l fuq, il-vettura kienet qed tinstaq fit-triq u għalhekk skond l-Art. 21(4)(a) il-vettura kellha tkun liċenzjata minkejja li kienet fil-pussess tal-imputat bħala *dealer* awtorizzat. L-imputat jargumenta illi dan m'huwiex il-każ. Il-Qorti tibda biex tirripeti dak li diġà qalet fil-passat f'dan ir-rigward u ċioe illi l-ħruġ mill-Awtorità lil negozjant awtorizzat ta' pjanċi hekk imsejjħa "*Trial Run*" ma' jagħtix *carte blanche* lil dak in-negozjant sabiex juża l-vetturi li jkunu taħt il-pussess tiegħu fit-triq meta jrid u kif jrid sempliċiment għaliex għandu dawk il-pjanċi. Filfatt apparti li ż-żewġ pjanċi għandhom jitwaħħlu, waħda fuq quddiem u l-oħra fuq in-naħa ta' wara tal-vettura[1], il-vettura m'għandiex tintuża ħlief f'dawk l-okkażjonijiet speċifiċi u għall-iskopijiet imniżżla fil-liġi. L-Art. 36(5), (6) u (7) tal-istess leġislazzjoni sussidjarja tipprovdi hekk:

> **'36 (5) Meta jinħarġu pjanċi 'Trial Run' lil negozjant li jkollu liċenzja ta' vetturi, rappreżentant tal-persuna li lilha jkunu nħarġu dawn il-pjanċi għandu jkun preżenti fil-**

---

[1] Art. 36(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02

**vettura li fuqha jkunu qegħdin jintużaw il-pjanċi 'Trial Run', u meta żewġ vetturi jew iżjed ikunu qegħdin jinsaqu flimkien wara xulxin, dak ir-rappreżentant għandu jkun f'waħda minn dawk il-vetturi.**

**36 (6) Pjanċi 'Trial Run' jistgħu jintużaw biss:**

**(a) fuq vetturi bil-mutur li jkunu ġew importati jew li jkunu daħlu Malta biex jinbiegħu jew għal skopijiet ta'wiri;**

**(b) fuq vetturi bil-mutur mibnija lokalment waqt li dawk il-vetturi jkunu qegħdin jinsaqu mill-garaxx, mill-fabbrika jew minn kull post ieħor fejn ikunu nbnew sal-post fejn ikunu ser jinżammu sakemm dawk il-vetturi tinħarġilhom liċenzja skont ir-regolament 14;**

**(ċ) fuq vetturi bil-mutur fil-kustodja ta' negozjant fil-vetturi bil-mutur għal skop ta' bejgħ, jew fuq vetturi bil-mutur mixtrija minn negozjant tal-vetturi bil-mutur li l-liċenzja ta' dawk il-vetturi tkun għalqet;**

**(d) fuq vetturi bil-mutur li jkunu qegħdin jinsaqu minn garaxx, minn fabbrika jew minn post ieħor fejn il-vettura tkun miżmuma, għall-moll fejn isir l-imbark ta'dik il-vettura intiża biex tiġi esportata.**

**(7) Pjanċi 'Trial Run' ma għandhomx jintużaw ħlief għal traġitt bi prova jew għal skopijiet ta' ttestjar.**

**(8) Pjanċi 'Trial Run' ma għandhomx jintużaw fil-Ħdud jew festi pubbliċi jekk mhux awtorizzati b'mod speċjali mill-Awtorità.'**

7. Mill-provi miġjuba ma jidhirx la li l-pjanċi tat-*Trial Run* kienu mwaħħla kif titlob il-liġi u lanqas illi l-imputat kien qed jagħmel traġitt bi prova jew għal skopijiet ta' ttestjar.

Għalhekk il-vettura ma kienetx liċenzjata biex tintuża fit-toroq skond kif titlob il-liġi u din it-tielet imputazzjoni ġiet ippruvata b'mod sodisfaċenti mill-Prosekuzzjoni.

8. Ir-raba' imputazzjoni hija dik dwar is-sewqan mingħajr polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji tat-terzi. L-imputat esebixxa f'dan ir-rigward ċertifikat tal-assigurazzjoni. Dan iċ-ċertifikat ġie maħruġ lill-imputat sabiex ikopri l-użu (minnu jew minn xufier li jkollu 'l fuq minn 18-il sena li jkun akkumpanjat mill-imputat jew mill-impjegati tiegħu) tal-vetturi kollha li jkunu reġistrati f'ismu ma Transport Malta għal skopijiet ta' *Trial Run.* Hija ġurisprudenza assodata tal-Qorti tal-Appell Kriminali[2] illi s-sewwieq li jkun akkużat bir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 irid jipprova illi huwa kien **personalment** kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minnu. Kif diġà ntwera, fid-data, ħin u lok in kwistjoni l-vettura ma kienetx qed tintuża għal skopijiet ta' *Trial Run* u għalhekk l-imputat ma kienx kopert bil-mod preskritt mill-liġi. Għaldaqstant anke din ir-raba' imputazzjoni tirriżulta li ġiet ippruvata.

9. Fir-rigward tal-ħames imputazzjoni, dik illi bħala sid jew xufier naqas li jwaħħal id-diska tal-liċenzja ma-naħa tax-xellug tal-*windscreen* b'mod li jkun jidher minn quddiem, il-Qorti tqis illi dan il-fatt ġie ippruvat. Madanakollu l-piena applikabbli għal dan ir-reat taqa' taħt l-iskeda ta' reati elenkati fl-Art. 44(7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja. Kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[3], l-pieni taħt dan l-Art. 44(7) ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi u għalhekk din l-imputazzjoni ma tirriżultax.

---

[2] Ara fost oħrajn **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan** (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023) u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay** (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023),

[3] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 68 u l-Art. 115(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mil-ħames imputazzjoni, issibu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn, tlieta u erbgħa u tikkundannah iħallas multa fl-ammont totali ta' elfejn u erba' mitt euro (€ 2,400). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**
**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**